# KUNSILL LOKALI ISLA

# IL-ĦAMES KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU ĦAMSA

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar l-Erbgħa 1 ta' Ġunju, 2005 fis-6.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku (6.30pm) |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku (6.30pm) |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier (7.20pm) |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier (6.30pm) |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier (6.30pm) |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Mistoqsijiet.
(4) Proposti għall-Pjan ta' Ħidma 2005 / 2008.
(5) Xogħol fil-Latrini.
(6) Egħluq tax-Xatt.
(7) Approvazzjoni ta' Permessi MEPA.
(8) Rapport Konferenza ARLES.
(9) Proġett "Town Twinning" Abruzzo / Cordoba.
(10) Servizz fl-Uffiċċjut tal-Kunsill.
(11) Ħruġ ta' Tenders.
(12) Privat fil-Kunsill.
(13) Summer Club.
(14) Kotba għal-Librerija.
(15) Riżoluzzjonijiet.
(16) Tibdil ta' Lampi – Triq San Ġużepp.
(17) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti.

## 5 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

5(1).1 Fuq proposta tal-Kunsillier Reno Chircop issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva l-minuti kif ippreżentati nem con.

## 5 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku ta rendikont tal-ħidma li saret mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill li kienet inżammet fl-4 ta' Mejju, 2005.

5 (2).1 Jum l-Isla - Attivitajiet

- L-attivita' li kienet ippjanata fil-Gardjola għat-tfal ta' l-Iskola Primarja Dom Mauro Inguanez ser saret f'ġurnata aktar tard minħabba t-temp ħażin.
- L-attivita' għat-tfal li kellha ssir fis-7 ta' Mejju, 2005 ma' saritx għaliex ma' kienx hemm attendenza.
- Il-Kunsill innota li b'differenza għas-snin li għaddew l-innu ta' l-Isla ma' ndaqqx fi tmiem il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr.
- L-attivitajiet l-oħra kollha saru kif kienu ippjanati u kienu ta' suċċess kbir.

5 (2).2 Soċjetajiet Lokali (15/04/05)

Fil-15 ta' April, 2005 il-Kunsill informa lis-Soċjetajiet kollha permezz ta' ittra, fejn stieden lis-Soċjetajiet biex niltaqgħu fil-Kunsill ħalli flimkien nesprimu l-opinjoni tagħna, iżda l-ebda soċjeta' ma' għamlet kuntatt mal-Kunsill.

5 (2).3 Skola Erin Serracino Inglott - Bormla (12/05/05)

Il-Kunsillier Reno Chircop attenda għal Jum il-Premjazzjoni minħabba li s-Sindku Joseph Casha kellhu mpenji oħra. Ġie ppreżentat ktieb għall-okkażjoni.

5 (2).4 Proġett URBACT (17/05/05)

Saret laqgħa ta' l-isteering committee fil-Kunsill Lokali Valletta bħala l-leader city tal-Proġett. ingħata tagħrif dwar dak li kien għaddej. (Kopji mehmuża).

L-espert Franċiż ingħata mandat biex iżomm budget baxx biex il-ħdax (11) il-Kunsill jikkontjaw flimkien l-ammont ta' 25, 000 EUR li 10, 000 biss ikunu f'kontribuzzjoni ta' flus (in cash).

Dan iffirma li kull Kunsill ser ikun kommettut għas-sentejn li ġejjin għall-ammont ta' Lm 1, 000 li Lm 500 minnhom ikunu in cash u l-kumplament in kind.

5 (2).5 Dar Sant'Anna (18/05/05)

Is-Sindku Joseph Casha kellhu laqgħa mad-direttur ta' din id-dar fuq talba tagħhom stess.

Saru dawn it-talbiet :

- Biex isiru poles tal-ħadid fir-Reserved Parking li hemm quddiem id-dar.
- Biex l-Anzjani f'din id-dar jiġu mistiedna għall-attivitajiet li jtella' l-Kunsill.
- Biex isiru żewġ bankijiet fit-terrazzin ta' quddiem id-dar.

Wara li l-Kunsill iddiskuta fid-dettal dawn it-talbiet, il-Kunsill qabel unanimament li dawn it-talbiet għandhom isiru mill-Management tad-Dar stess billi din hija entita' semi kummerċjail.

5 (2).6 Shawn Pisani - Industrijalist (18/05/05)

Għal din il-laqgħa kienu preżenti is-Sindku Joseph Casha, il-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsillier Louis Henwood u s-Segretarju Eżekuttiv. Huwa wera l-ħsibijiet tiegħu dwar l-iżvilupp fil-kottonera speċjalment fil-Baċir Numru 1.

Huwa kien qed jitlob l-appoġġ tat-tlett Kunsilli Lokali għaliex għandu l-ħsieb li jinvesti f'dan l-area meta joħorġu l-applikazzjonijiet għal żvilupp f'din iż-żona.

** Il-Kunsillier Louis Henwood ġibed l-attenzjoni tas-Sindku biex jiġi ndirizzat bħala Kunsillier.*

** Saru diskussjoni oħra dwar tindif tax-Xelters fl-Isla.*

5 (2).7 Westlake Films Ltd (18/05/05)

Saret laqgħa mas-Sinjura Emma Pill, Location Manager dwar il-ġbid ta' film li huwa ppjanat li jinġibed f'Ottubru, 2005 fl-area tal-Baċir Numru 1 u l-area tal-madwar. Għandhom isiru aktar kuntatti l-quddiem.

5 (2).8 Esibizzjoni ta' Restawr mit-Taljani f'Malta - 19/05/05 (04/1197/05/I)

Is-Sindku Joseph Casha attenda għal din l-esibizzjoni fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Preżenti kien hemm Antonio Valente, Assessur mill-Comune ta' Cassino. Huwa kien il-mistieden tal-Prim Ministru.

Il-Kunsill għamel ikla fejn stieden lil dan l-Assessur flimkien mal-Kunsillieri u l-istaff.

5 (2).9 Varar tal-Mappa tal-Kottonera – Verżjoni bit-Taljan (20/05/05)

Is-Sindku u l-Viċl Sindku kienu mistiedna tal-Kunsill Lokali Bormla fuq il-Lanċa Hera fejn ġiet Varata din il-Mappa.

5 (2).10 Ground tal-Football (25/05/05)

Is-Sindku Joseph Casha kellu taħditiet mal-Perit Lawrence Mintoff dwar il-progress u l-proċess tal-ground tal-football u dwar punti li kellhom jiġu ċċarati mal-MEPA. Is-Sindku talab għal stima ta' l-ispiża nvoluta f'dan il-proġett.

5 (2).11 FES (26/05/05)

Is-Sindku Joseph Casha kellhu laqgħa mas-Sur Mario Cardona (FES) u Graziella Cassar Gellel dwar is-Summer Club li l-Kunsill bi ħsiebu jtella' f'Lulju, 2005.

5 (2).12 Triq San Ġużepp (03/05/05)

Minn kuntatti li għamel is-Sindku Joseph Casha mas-Sur Joe Micallef / David Zerafa jidher li x-xogħol ta' pavimentar ma' jkunx jista' jibda qabel il-15 ta' Ġunju, 2005. Sa llum ma' rċevejna ebda ittra uffiċjail li x-xogħol ser isir mill-Works Division.

Fil-fra temp il-Perit Attard ċempel biex ikun jaf fhiex wasal ix-xogħol ta' Resurfacing fi Triq San Ġużepp u fi Triq Iż-Żewġ Mini.

5 (2).13 Kunsill Malti għall-Isport (03/05/05)

Waqt din il-laqgħa li saret fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera, s-Sindku Joseph Casha kellhu laqgħa maċ-Chairman ta' l-MTA is-Sur Ronald Lungaro Mifsud.

5 (2).14 Attivita' fuq il-Maċina

L-Arċipriet staqsa dwar il-possibilita' li ssir attivita' fuq il-bejt tal-Maċina. Is-Sindku ssuġġerixxa lill-arċipriet biex jikteb uffiċjalment lill-Kunsill u juri l-ħsibijiet tiegħu biex il-Kunsill ikun jista' jagħmel il-kuntatti mal-Consortium Port Cottonera. Il-ħsieb huwa li din l-attivita' ssir fl-10 ta' Ġunju, 2005.

Minkejja diversi nterventi mis-Sindku din l-ittra waslet fl-1 ta' Ġunju, 2005. Din l-ittra ser tiġi diskussa aktar fit-tul fil-Korrispondenza.

5 (2).15 Terrace Houses – 04/1214/05/I

Is-Sindku Joseph Casha kien infurmat mill-Foreman tad-Dipartiment tal-Manutenzjoni u Kostruzzjoni li qed ikun hemm traskuraġni kbira mir-residenti fis-sistema tad-drenaġġ.

Huwa esprima l-oġġezzjoni tiegħu li jiġu biex ineħħu affarijiet bħal ma' huma flixkien ta' l-

ilma, biċċiet ta' l-injam u oħrajn li jkunu qed jimblukkaw is-sistema tad-drenaġġ.

Huwa nsista biex issir ittra iebsa lir-residenti fejn jiġl mfiehem lilom li din hija responsabbilta' tagħhom u din l-istorja hemm bżonn li tieqaf.

5 (2).16 Street Fest

Friends of St. Luke's and Lion's Club urew ix-xewqa li jagħmlu attivita' – Street Fest , bħala fund raising f'dawn il-ġranet il-5 u s-6 ta' Awwissu, 2005 li jsiru f'dawn il-postijiet; Il-Maċina, Ġnien il-Gardjola jew Sally Port kif ukoll fit-toroq. Għal dan il-għan saret laqgħa ma' Anton u Nadia Theuma flimkien ma' Pierre Bonello.

Hemm responsabbiltajiet li f'din l-attivita' l-Kunsill jonora lil Chiara għas-suċċess tagħha fil-Eurovision Festival.

5 (2).17 Kors għal Small Business Crafts

Permezz tal-Proġett Delta ser jiġi organiżżat kors għal dawk li għandhom negozji żgħar kif ukoll għal dawk li jkunu midħla tal-crafts.

Dan qed isir fil-kumpless Aċċess fil-Birgu u beda fit-23 ta' Mejju, 2005. Mil-lokalita' ta' l-Isla qed jattendu ħdax (11) il-persuna u l-Kunsill qed jipprovdilhom it-trasport.

5 (2).18 DVD fuq l-Isla

Is-Sindku ssuġġerixxa li wasal iż-żmien li bħala lokalita' nipproduċa DVD professjonali fuq din il-lokalita' biex jiġu proġettati l-Kultura u l-istorja tal-lokalita' ta' l-Isla.

Huwa nforma lill-Kunsill li f'dan l-istadju huwa qabbad xi nies biex jagħmlu t-tħejjijiet għal dan id-DVD u naraw xi spejjeż jista' jkun hemm.

5 (2).19 Xogħol fuq il-Moll tax-Xatt ta' l-Isla

Is-Sindku Joseph Casha informal ill-Kunsill li x-xogħol fuq il-ħsarat tal-Moll fix-xatt ta' l-Isla beda u miexi skond kif ippjanat. Huwa mistenni li dan ix-xogħol jieħu bejn sitta u tmien ġimgħat.

## 5 (2).20 Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn it-3 u s-27 ta' Mejju, 2005 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1047/05/I* *Stedina għal Kors*

Stedina għal kors organiżżat mill-Fondazzjoni Studji Internazzjonali li ser isir bejn it-23 ta' Mejju u s-6 ta' Ġunju, 2005 dil-kumpless Aċċess.

*04/1049/05/I* *Stedina għal Konferenza*

Stedina għall-Konferenza "National Action Plan for Employment & Youths" miż-Żgħażagħ tal-GWU, fit-2 ta' Lulju, 2005.

*04/1053/05/I* *Stedina mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni*

Stedina mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni lil żgħażagħ interessati li jmorru għal kors tal-Lingwa Taljana fl-Italja bejn l-4 u l-24 ta' settembru, 2005.

*04/1056/05/I* *Street Cat rescue*

Street Cat Rescue talbu biex il-Kunsill jaħtar persuna biex ikun jista' jsir kuntatt dirett mas-Sinjura Anna Grech dwar kwantita' ta' qtates fit-toroq.

*04/1069/05/I* *MCAST - Summer Work Phase*

Il-Kunsill laqa' l-istedina biex żewġ studenti jiġu jaħdmu fuq bażi volontarja fix-xhur ta' Ġunju u Lulju għal raġuni ta' esperjenza.

*04/1070/05/I* *Imħażen Biswit il-Maċina*

Il-Kunsill ġie nfurmat li t-talba tal-Kunsill għad-devoluzzjoni ta' dawn l-imħażen għada qed tiġi mistħarrġa.

*04/1089/05/I* *Fitness Kors għan-Nisa*

Celaine Buhagiar offriet li terġa' torganiżża dan il-kors fuq l-istess bażi tas-sena l-oħra. Il-ħsieb huwa li dan il-kors jibda mill-20 ta' Ġunju, 2005.

*04/1126/05/I* *Niċċa ta' Sant'Anna*

Il-Kordinatur tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera, is-Sur Ray Bondin informal ill-Kunsill bit-tneħħija tal-wires f'Bieb Sant'Anna. Dan ix-xogħol ser jammonta għal madwar Lm 873.

*04/1150/05/I* *Coffee Morning – Kumitat Skolastiku – Skola Primarja Dom Mauro Inguanez*

Għalkemm kienu talbu biex din l-attivita' ssir fid-19 ta' Mejju, 2005 dan ma' sarx.

*04/1156/05/I* *Historical Cities Festival - October*

MTA bagħtet ittra fejn infurmatna li ser jiġi organizżat ukoll fil-kottonera.

*04/1164/05/I* *Suġġerimenti*

Ittra minn resident b'suġġerimenti għal titjieb fil-lokal.

*04/1184/05/I* *Kwotazzjoni*

Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni għall-kisi tal-latrini tal-Ponta.

*04/1189/05/I* *Ritratti ta' l-Isla*

Talba minn Paul Portelli, Malti fl-Awstralja u membru tas-Social Club Awstraljan, għal ritratti ta' l-Isla biex jiġu esibiti f'wirja fl-Imnarja fil-25 ta' Ġunju, 2005.

*04/1192/05/I* *Kors għal Ħiliet Bażiċi għall-Adulti*

Dan il-kors ser jiġi mtella' mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

*04/1200/05/I* *MEPA – Approvazzjoni ta' Permess*
*04/1237/05/I*

Il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni u ħruġ ta' permess għax-xogħlijiet mitluba mill-Kunsill.

Traffic Island – Triq il-Ħabs l-Antik
Capstan - Dawret lx-xatt
Embellishment - Misraħ Andrea Debono

*04/1214/05/I* *Drenaġġ - Dockyard Terrace*

Ittra mid-Dipartiment tal-kostruzzjoni u Manutenzjoni dwar it-traskuraġni u nuqqas ta' Responsabbilta' li qed jikkawżaw blukkar ta' sikwiet tas-sistema tad-drenaġġ fil-bini msemmi.

*04/1215/05/I* *Proġett URBACT*

Il-Proġett City Leader bagħtet tagħrif dwar il-proġett u l-finanzjament tiegħu.

*04/1241/05/I* *Proġett Town Twinning*
*04/1248/05/i*

Il-bliet ta' Cordoba fi Spanja, Anvers degli Abruzzi u Opi fl-Italja aċċettaw li jieħdu sehem f'dan il-proġett li ser jittella' ġewwa l-Isla f'Ottubru, 2005.

*04/1263/05/I* *Memo 16/2005*

Dan il-memo huwa dwar il-proċess li meħtieġ li jsir biex isiru plakki ġodda bl-ismijiet tat-Toroq.

*04/1267/05/I* *Kors FES – Skola Primarja Dom Mauro Inguanez*

Il-Kunsill ġie mistieden biex jattendi għal serata fis-6 ta' Ġunju, 2005 f'egħluq il-kors għall-ġenituri mtella' mill-FES.

*04/1268/05/I* *Ilment – Marina Restaurant*

Ilment mill-Marina Restaurant li l-MEPA mhux qed toħroġlu l-permessi biex jagħmel imwejjed fuq il-Moll. Qed jitlob parking space riservat.

Il-Kunsill ma' setgħax jilqa' din it-talba minħabba li l-area tax-xatt mill-Maċina l-ġewwa ser tkun pedestrian area għal żmien is-Sajf. (Ara minuta 5(6).

*04/1293/05/I* *Kunsill Lokali Bormla – Talba għal Ħruq ta' Nar*

Talba mill-Kunsill Lokali Bormla biex isir ħruq ta' nar minn ħdejn il-Maċina għaċ-ċelebrazzjoni ta' egħluq il-mitt sena mill-inkurunazzjoni tal-kwadru titulari ta' Maria Immakulata Kunċizzjoni.

Il-Kunsill ma' setgħax jilqa' din it-talba minħabba s-saħħa tar-residenti, sigurta' u l-egħluq tax-Xatt fl-Isla matul is-Sajf u kien kontra li jinħareġ il-permess. (Kopja mehmuża)

*04/1303/05/I* *Mistosija Parlamentari – L-Onor. Chris Agius*

PQ mressqa mill-Onor. Chris Agius dwar meta ser jibda x-xogħol fuq il-moll ta' l-Isla (Kopja mehmuża).

*04/1323/05/I* *Korsijiet tal-Crafts għat-Tfal – Tania Busuttil*

Talba minn Tania Busuttil biex torganiżża kors dwar snajja' Maltin għat-tfal matul il-vaganzi tas-sajf fis-Sala tal-Kunsill.

*04/1330/05/I* *Għaqda tad-Draughts*

Talba mill-Għaqda tad-Draughts biex jorganiżżaw kompetizzjoni fil-Kunsill.

*04/1344/05/I* *West Lake Films Ltd*

Westlake Films Ltd bagħtu jinfurmawna li nhar il-Ħamis 2 ta' Ġunju, 2005 ser jagħmlu xogħol ta' rehersal ġewwa l-Baċir Numru 1.

## 5 (3) Mistoqsijiet

Ma' kienx hemm mistoqsijiet.

## 5 (4) Proposti għall-Pjan ta' Ħidma 2005 / 2008

Is-Sindku ppreżenta draft ta' proġetti u l-ispiża tagħhom li jridu jsiru matul it-tlett snin li ġejjin. Dawn jammontaw għal madwar Lm 80, 000. Is-Sindku Joseph Casha enfasizza li biex dan iseħħ irid ikun hemm kontroll strett fuq l-ispiża tal-Kunsill. (kopja mehmuża)

Sar titjieb fil-programm ta' l-attivitajiet imtella' mill-Kunsill f'Jum l-Isla.

## 5 (5) Xogħol fil-Latrini

Fuq suġġeriment tas-Sindku Joseph Casha, il-Kunsill kien qed jaqbel fil-prinċipju biex isiru xogħlijiet ta' rikostruzzjoni u refurbishing fil-Latrini tax-xatt u tal-Ponta. (Ara riżoluzzjoni 5(15)3 iktar l-isfel).

## 5 (6) Egħluq tax-xatt

Is-Sindku Joseph Casha u l-Viċl Sindku Walter Ahar irrigużaw ruħhom milli jkunu preżenti waqt id-diskussjoni ta' dan l-item minħabba konflitt ta' nteress f'din id-deċiżjoni.

5 (6).1 Kompla jmexxi l-laqgħa l-Kunsillier Reno Chircop bħala l-Kunsillier l-aktar anzjan.

5 (6).2 Wara diskussjoni l-Kunsill approva li fil-week end ix-Xatt jingħalaq għat-traffiku bejn is-7.30pm u l-10.30pm. Matul il-ġranet l-oħra tal-ġimgħa ix-Xatt jingħalaq One Way il-ġewwa.

5 (6).3 Is-Sindku u l-Viċi Sindku reġu daħlu għat-tkomplija tal-laqgħa tal-Kunsill.

## 5 (7) Approvazzjoni ta' Permessi MEPA

Il-Kunsill irċieva approvazzjoni għall-permessi ta' xogħol għal tlett proġetti mill-Kunsill f'dawn is-siti :

Triq il-Ħabs l-Antik (playing Field), Pjazza Andrea Debono u Capstan f'Dawret ix-Xatt.

## 5 (8) Rapport Konferenza ARLES

Is-Sindku ppreżenta rapport qasir magħmul mis-Segretarju Eżekuttiv dwar din il-konferenza bħala parti mill-proġett Qualicities li l-Kunsill qed jipparteċipa ma' 15 il-Kunsill ieħor fl-

Ewropa. (Kopja mehmuża).  It-tieni laqgħa li jmiss għandha ssir f'Toledo fi Spanja bejn it-13 u l-15 ta' ottubru, 2005.

Għal dan il-proġett hemm ivvutati 10, 000 EURo mill-EU.

## 5 (9) Proġett "Town Twinning" Abruzzo / Cordoba

Is-Sindku Joseph casha informal ill-Kunsill li għada kif saret applikazzjoni biex dan il-proġett isir Malta bejn is-7 u l-10 ta' Ottubru, 2005 b'finanzi approvati mill-EU (9, 500 EUR). (04/1311/05/I).

5 (9).1 Dan huwa riżultat tal-Konferenza li kienet saret fl-Lulju li għadda f'Abruzzo taħt l-isem Culture Tracks.

5 (9).2 Tagħrif mehmuż.

## 5 (10) Servizzi fl-Uffiċċju tal-Kunsill

Il-Kunsill stħarreġ il-possibilta' li fil-futur jista' jkun hemm vaganza ta' clerk fl-uffiċċju tal-Kunsill.  Is-Segretarju Eżekuttiv informal ill-Kunsill li għadu kmieni biex wieħed jikkumenta fuqha.  Jekk din l-eventwalita' tinqalgħa jkun hemm żmien biżżejjed biex wieħed jilqa' għal din l-eventwalita'.

## 5 (11) Ħruġ ta' Tenders

Il-Kunsill qabel li joħroġ tlett tenders għal xogħol ta' resurfacing u kostruzzjoni f'dawn it-toroq :

1. Triq Iż-Żewġ Mini
2. Triq san Ġużepp
3. Misraħ Andrea Debono

Qabel ukoll li joħorġu tenders għal capstan – Triq il-Ħabs l-Antik.

5 (11).1 Il-Perit tal-Kunsill għandu jipprepara l-ispecifications meħtieġa ħalli l-uffiċċju amministrattiv ikun jista' joħroġ dawn it-tenders.

## 5 (12) Privat fil-Kunsill

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara l-inizjattiva li ħa hu biex il-Kunsill ikun jista' jagħti dan is-Servizz, il-Kunsill irċieva erba' offerti minn diversi ndividwi fuq bażi ta' ħlas żgħir u li ser ikunu sussidjati mill-Kunsill.

5 (12).1 Saret diskussjoni minħabba li kien hemm diverġenza fuq il-ħlas mitlub u l-kompetenza ta' l-għalliema.

5 (12).2 Il-Kunsill qabel li s-Sindku jerġa jiltaqa' ma' l-erba' applikanti u magħhom jiddiskuti prezz komuni, kif ser jinqasam ix-xogħol u għal min ser ikun indirizzat dan is-servizz.

## 5 (13) Summer Club

Il-preparamenti għal dan il-proġett mexjin u l-ħsieb huwa li dan isir f'Lulju, 2005. Dan qed isir flimkien ma' l-FES.

5 (13).1 Is-Sindku kellu laqgħa mas-Sur Mario Cardona fejn urieh il-ħsieb tiegħu dwar xi tibdil li xtaq jagħmel f'din it-tielet sessjoni.

5 (13).2 Is-Sindku Joseph Casha wera' t-tħassib tiegħu dwar dan it-tibdil li fil-fehma tiegħu ma' jidhirx koerenti ma' dak li kien isir qabel. Jekk dan it-tibdil iseħħ is-Sindku ssuġerixxa li s-Summer Club isir mill-Kunsill waħdu.

## 5 (14) Kotba għal-Librerija

Is-Sindku Joseph Casha nforma lill-Kunsill li minħabba l-konkorrenza tas-sengleani u s-servizzi estensivi li qed tagħti din il-librerija inħass il-bżonn li jinxtraw kotba ġodda fuq talba tar-residenti stess.

5 (14).1 Għal din ir-raġuni l-Kunsill qed iressaq riżoluzzjoni biex jinxtraw kotba ġodda. (Ara Riżoluzzjoni 5(15)2).

## 5 (15) Riżoluzzjonijiet

Il-Kunsill kellu quddiemu tlett riżoluzzjonijiet għall-approvazzjoni.

5 (15).1 Riżoluzzjoni Numru 4/2005 dwar xiri ta' ktajjen tas-sigurta' u lenti biex jitwaħħlu mal-bibien ta' anzjani fil-lokal (kopja mehmuża).

L-ammont ta' Lm 300 propost mis-Sindku Joseph Casha ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar ġiet approvat nem con.

5 (15).2 Riżoluzzjoni Numru 3/2005 dwar xiri ta' kotba għall-ammont ta' Lm 250 għal-Librerija Pubblika Lokali li ġiet proposta mis-Sindku Joseph Casha ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar.

Din ir-riżoluzzjoni kienet approvata nem con mill-Kunsill.

5 (15).3 Riżoluzzjoni Numru 2/2005 dwar xogħol li jrid isir fil-latrini tax-Xatt u tal-Ponta (Dan ix-xogħol jammonta għal madwar Lm 300). (KOpja mehmuża)

Din ir-riżoluzzjoni proposta mis-Sindku Joseph Casha ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar ġiet approvata nem con.

## 5 (16) Tibdil ta' Lampi – Triq San Ġużepp

Billi hemm bżonn li jsir dan ix-xogħol iżda dawn il-lampi jqumu sewwa is-Sindku Joseph Casha ssuġġerixxa li dawn isiru issa li ser isir resurfacing tat-triq. Iżda li dawn jitħallsu fuq Firxa ta' żmien flok meta jsir ix-xogħol.

## 5 (17) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti kif ppreżentat għall-ammont totali ta' Lm 6, 636.30ċ (Kopja mehmuża)

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti kif ppreżentat għall-ammont totali ta' Lm 2, 628.20ċ (Kopja mehmuża)

5 (17).1 Ħlas lid-Dipartiment tar-Riżorsi u Manutenzjoni

Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva li jibda jsir ħlas ta' Lm 150 fix-xahar lil dan id-Dipartiment sakemm jinqatgħu l-pendenzi li hemm ma' l-istess Dipartiment.

5 (17).2 Insurance tal-Kunsill

Il-laqgħa ġiet iddikjarata magħluqa fid-8.45pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ______________________________

________________________________________________________________

______________________ ______________________

Joseph Casha Alphonse Zammit

Sindku Segretarju Eżekuttiv